MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2009

Avviz Numru. 360/2007

**Public Broadcasting Services Ltd (C 13140)**

**Vs**

**Dott. Adrian Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fid-9 ta' Novembru 2007 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas l-ammont ta' erbat elef hames mija tlieta u erbghin lira Maltin (Lm4,543.00) bilanc ta' ammont akbar dovut lilha rapprezentanti drittijiet ghal servizzi rezi.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, kif ukoll dawk ta' l-ittra tas-7 ta' Mejju, 2007 u bl-interessi legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr Adrian Zammit fejn eccepixxa illi:

1. Preliminarjament, il-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez minhabba illi l-ammont mitlub huwa eccessiv u semmai ghandhom isuru l-konteggi relattivi bin-nomina ta’ periti komputisti sabiex issir din il-verifika;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jitressqu mill-konvenut skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza s-socjeta’ attrici qieghda titlob il-hlas minghand il-konvenut ghal hdax-il programm illi tella’ fuq it-televizjoni tramite l-PBS liema programm kien jismu “Mur Saqqi” bir-rata tat-tlett mija u hamsin lira (Lm350) il-programm. Fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut qieghed jallega li mhuwiex il-legittimu kontradittur.

Ikkunsidrat:

Illi rigward din l-ewwel eccezzjoni, l-konvenut qieghed jallega li dejjem agixxa ghan-nom ta’ kumpanija bl-isem “Dr Adrian’s Garden Centre Limited” illi giet iffurmata fil-1999 u kellha l-kwartieri taghha n-Nigret. L-iskop tal-programm kien li jirreklama c-centru ghall-gonna li kellu l-

konvenut jew il-kumpanija illi taghha kien *Managing Director*. F'Awissu 2006 il-konvenut kellu laqgha ma' Simon Lumsden li kien *head of programs* mal-PBS u ppropona li jhallas mitejn lira (Lm200) ghall-programm ta' siegha. Dina ma gietx accettata. Il-konvenut ghamilha cara li dejjem agixxa ghan-nom tal-kumpanija. Wara hafna gimghat Simon Lumsden cempillu u qallu li l-programm gie accettat izda l-prezz u l-kundizzjonijiet kif ippropona l-konvenut ma kienux. Madankollu l-programm xorta xxandar u baqa' sejjer sa Dicembru.

Il-konvenut ighid illi bil-prezz ta' tlett mija u hamsin lira kif ipproponiet is-socjeta' attrici, il-programm ma kienx kummerjcalment vijabbli. Sar skambju ta' emails sa Dicembru 2006. F'dawn l-emails il-konvenut dejjem indirizza lilu nnifsu personalment anke meta saret l-ahhar offerta. Fl-*email* a fol 53 il-konvenut iressaq lilu nnifsu personalment. Veru illi f'xi *emails* hemm imsemmi "Dr Adrian's Garden Centre", izda mhuwiex car jekk il-kumpanija kienet qieghda tinnegozja mal-PBS jew inkella l-konvenut personalment. Id-dokument AZ 3 (fol 57) "Dr Adrian's Garden Centre" tidher illi qieghda *sponsor* u mhux li effettivament qieghda ttella l-programmi. Il-konvenut jibqa' jinsisti u jghid li huwa dejjem ghamilha cara li kien qieghed jirrapprezenta l-kumpanija, izda mhux lilu nnifsu.
Ikkunsidrat:

Il-Qorti jidhrilha illi f'dawn ic-cirkostanzi l-konvenut ma jistax jinheba wara paraventu ta' isem korporattiv meta kien dejjem qieghed jidher personalment fin-negozjati mal-PBS. F'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Frar 2008 Dr Renato Cefai noe vs J&M Aluminium Limited il-Qorti kienet qalet fost affarijiet ohra, li kien hemm prezunzjoni illi persuna kienet qed tikkuntratta f'isimha personalment u mhux ghan-nom ta' haddiehor anke jekk il-persuna tkun fil-kummerc u registrata bhala direttur ta' kumpanija. Ghalhekk meta l-konvenut dahal fin-negozjati mall-PBS ghall-'airtime' tal-programm il-prezunzjoni kellha tkun li kien qieghed jagixxi ghalih personalment u mhux ghan-nom tal-kumpanija.

Kif gie osservat fil-kawza Lawrence Formosa et noe vs Silvio Felice deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999 *"certa kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqshekk ovvji. Fejn hemm dubbju pero', wiehed kellu jipprezumi li l-persuna li qieghda tikkuntratta kienet qed taghmel hekk f'isimha proprja u kompliet tghid li biex ikun diversament kien jispetta lil dak li jkun li jipproduci provi konklussivi in sostenn tal-pretensjoni tieghu illi ma kienx qieghed jagixxi personalment*". (ara wkoll Mirabelle Distributors Limited vs Emanuel Zammit Appell Inferjuri 16 ta' Dicembru 2002).

Il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut ma lahaqx dan il-grad ta' prova konklussiva li kien qieghed jagixxi, fin-negozjati tieghu mal-PBS, f'isem kumpanija u mhux f'ismu personalment u ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghandha tqies dawn in-negozjati bhala mwettqa mill-konvenut personalment u mhux mill-kumpanija. Ghalhekk, tichad l-ewwel eccezzjoni tieghu u tghaddi biex tikkunsidra l-meritu.

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut jammetti li qatt ma lahaq ftehim mas-socjeta' attrici dwar il-prezz u kundizzjonijiet ghax-xandira tal-programm. Madankollu l-programm xorta xxandar. Ighid testwalment *"minkejja li ma kienx hemm ftehim bejnietna dwar il-hlas kif ukoll kundizzjonijiet, il-programmi xorta gew imxandra u baqghu ghaddejjin."* Ghamilha cara wkoll li dawn il-programmi kienu qeghdin iservu ta' reklamar ghall-kumpanija tieghu. Il-konvenut kien jaf mill-bidu nett illi l-PBS kienet qed tinsisti ghall-hlas ta' tlett mija u hamsin lira (Lm350) ghal kull programm li kien se jigi mxandar u avolja ma accettax din il-figura, l-programmi xorta baqghu ghaddejjin.

Il-Qorti jidhrilha li la l-konvenut ghazel din it-triq, allura kien qieghed implicitament jaccetta l-offerta li kienet ghamlet il-PBS. Mhix skuza li jghid li hu qatt ma accetta l-figura ta' tlett mija u hamsin lira (Lm350). La uzufruwixxa ruhu mill-'airtime' u uza s-servizzi u l-facilitajiet tal-PBS biex il-programm jigi mxandar, allura huwa dahal fl-obbligazzjoni mal-PBS bil-kundizzjonijiet li l-istess PBS

kienet imponietlu. Lanqas ma jista’ jiehu xi beneficcju bil-fatt li l-ftehim li kopja tieghu hemm esebit a fol 29 qatt ma gie ffirmat. Il-fatt biss li l-konvenut ghazel li jibqa’ ghaddej bil-programmi ghal xhur shah huwa sinjal ta’ l-accettazzjoni ta’ l-offerta li kienet ghamlet il-PBS u ratifika ta’ l-obbligazzjoni minnu assunta. L-iffirmar tal-kuntratt ma kienx wiehed necessarju ghar-relazzjoni kummercjali li nholqot bejn il-partijiet. L-ahhar email li giet mibghuta mill-PBS fejn infurmat lill-konvenut li jekk ma jintlahaqx ftehim il-programmi ma kienux se jixxandru iktar wara Jannar 2007, turi li s-socjeta’ attrici ma kienetx lesta aktar tittollera l-luzingar tal-konvenut u jekk ma jaccettax formalment it-termini taghha, ma kienetx se xxandar aktar il-programmi tieghu, kif fil-fatt gara. Pero’ ghal dawk il-programmi li diga’ gew imxandra li minnhom il-konvenut ha gwadann, kemm ghalih innifsu kif ukoll ghall-kumpanija li huwa taghha direttur, irid ihallas bir-rata li originarjament imponietlu s-socjeta’ attrici. Fi kliem iehor ma jistax jinqeda bil-beneficcju minghajr ma jerfa’ wkoll il-piz. Kif ghallem id-dritt Ruman “Qui sentit commodum sentire debet et onus.”

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-istess konvenut li jhallas l-ammont ta’ €10,582.34 (Lm4,543) ammont dovut lill-istess socjeta’ attrici ghal drittijiet u servizzi rezi lill-konvenut fuq talba tieghu. Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------